MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-16 ta' April, 2004

Appell Civili Numru. 66/1999/3

**Tabone Computer Centre Ltd.**

**vs**

**Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili
u l-Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti:**

**Preliminari.**

B'citazzjoni pprezentata fit-12 ta' Jannar, 1999 is-socjeta` attrici ppremettiet illi hija ghandha licenzja mahruga mid-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili sabiex tipprovdi s-servizz lill-klijenti taghha sabiex ikollhom "*access to international data networks*" u bhala tali ghalhekk a bazi ta' l-istess licenzja giet awtorizzata biex topera bhala "*data networks service provider*" taht dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet stipulati fl-istess licenzja, liema licenzja hija valida ghal ghaxar (10) snin b'effett mis-26 ta' April 1996 (Dok A); illi din il-licenzja ghadha *invigore* u difatti tinsab imhallsa ghas-sena kurrenti kif indikat fuq l-ircevuta relattiva li qed tigi markata (Dok B); illi l-attur [recte: socjeta` attrici] ottjena *import licence* fis-6 ta' Marzu 1998 sabiex igieb VSAT – *satallite transmitter & receiver equipment for data/I.P.* kif ukoll *dish/aerial* relattiv, liema licenzja hija mahruga bil-kondizzjoni li l-oggett/oggetti ma jigux rilaxxati mill-Kontrollur tad-Dwana meta jaslu Malta qabel ma jkun hemm rizultati sodisfacjenti mill-ispezzjoni/test mid-Dipartiment tat-Telgrafija Minghajr Fili (Dok C); illi ghalhekk l-attur xtara l-apparat imsemmi minn barra minn Malta u dan l-apparat wasal Malta fil-11 ta' Lulju, 1998; illi minn dak iz-zmien l-attur ma setghax jirtira l-imsemmija merkanzija billi d-Dipartiment tat-Telegrafija Minghajr Fili rrifjuta li jispezzjona l-merkanzija u wisq anqas johrog ic-certifikat relattiv sabiex dan jigi rilaxxjat mill-Kontrollur tad-Dwana; illi minhabba dan l-agir awtokratiku, abbuziv u illegali tal-konvenuti, l-esponenti qieghed isofri hsara u danni sostanzjali; illi dawn l-ahhar granet l-attur sar jaf illi hemm kumpaniji ohra hawn Malta li diga` qeghdin joffru s-servizz ta' "recetazzjoni u trasmizzjoni" ta' data bl-uzu tal-VSAT, *satallite transmitter & receiver equipment*; illi l-licenzja ta' l-attur fuq imsemmija harget taht l-Artikolu 3 tal-Kap. 49 dwar it-Telegarfija Minghajr Fili u dana wara li l-Prim Ministru hareg ezenzjoni taht l-Artikolu 40 tal-Kap. 250 dwar il-Korporazzjoni Telemalta li permezz taghha tali licenzja giet ezentata mill-monopolju li gie riservat favur l-istess Korporazzjoni; illi l-licenzja fuq imsemmija ghadha in vigore u dan billi permezz ta' Att 33 ta 1997, li gie in vigore fl-1 ta' Jannar 1998, wara li gew abrogati d-

dispozizzjonijiet tal-Kap 250, fl-Artikolu 37 ta' l-istess Att 33/1997 gie ritenut illi kull licenzja u awtorizzazzjoni li harget b'operazzjoni taht l-Att dwar il-Korporazzjoni Telemalta ghandhom jigu meqjusa bhala li jkomplu fis-sehh u inoltre, kif hemm provedut fl-Artikolu 5 ta' l-istess Att 33 ta' 1997, fil-proviso ta' sub-paragrafu 2, kull licenzja li nharget taht id-disposizzjonijiet ta' Artikolu 3 tal-Ordinanza dwar it-Telegrafija Minghajr Fili (Kap 49) titqies bhala licenzja li harget taht l-istess Att 33 ta 1997; illi stante li l-imsemmija licenzja ghadha fis-sehh ifisser illi l-attur ghandu dritt illi jzomm satellita u anke juzaha ghall-finijiet ta' servizz li huwa obbligat jipprovdi lis-*subscribers* tieghu a bazi ta' l-istess licenzja; is-socjeta` attrici ghalhekk talbet li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili:-

1. tiddecidi u tiddikjara illi l-VSAT – *satallite transmitter & receiver equipment for data/I.P.* kif ukoll *dish/aerial* relattiv fuq imsemmija huma konformi ma dak li gie dikjarat fil-licenzja ta' importazzjoni u

2. tikkundanna konsegwentement lill-istess konvenut, l-Kontrollur tad-Dwana, sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jirrilaxxja l-apparat fuq imsemmi lill-attur billi dan ghandu dritt jimportah u juzah skond il-ligi u skond il-licenzja fil-pussess tieghu;

3. tiddikjara u tiddecidi illi l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur minhabba l-inadempjenza taghhom.

Talbet ukoll l-ispejjez u rriservat d-dritt ghall-kull azzjoni ulterjuri lilha spettanti skond il-ligi.

B'nota ta' l-1 ta' Frar 1999 l-konvenuti eccepew illi:-

1. Preliminarjament illi l-Kontrollur tad-Dwana m'huwiex il-legittimu kontradittur ghal din il-kawza u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress illi fl-azzjoni ma huwa qed jigi attribwit ebda abbuz jew nuqqas lilu.

2. Illi l-pretensjoni fis-sens illi d-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili irrifjuta li jispezzjona l-apparat importat hija nfondata peress illi ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar l-apparat x'inhu.

3. Illi tezisti l-impossibilita` legali tat-twettiq ta’ dak mitlub fic-citazzjoni u l-causa illecita ta’ l-azzjoni u dan billi l-attur ma ghandu ebda licenzja biex izomm l-apparat in kwistjoni fil-pussess tieghu u ghalhekk huwa ma jistax jiehdu fil-pussess tieghu billi jizdoganah.

4. Illi t-talba ghall-hlas tad-danni, anki kif redatta mis-socjeta` attrici stess, ma tinkwadrax ruhha fil-parametri ta’ l-Artikolu 469A(5) tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili u hija wkoll infondata u ghandha tigi respinta.

5. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-agir tal-konvenuti fil-kwistjoni huwa skond il-ligi.

Kontestwalment mac-citazzjoni s-socjeta` attrici kienet ipprezentat rikors fejn talbet li l-kawza tigi appuntata bl-urgenza u bl-akkorcjament tat-termini legali minhabba aspetti finanzjarji u t-telf soffert mis-socjeta` attrici. Din it-talba giet michuda mill-ewwel Qorti billi rriteniet li kien hemm rimedju tad-danni ghat-telf soffert.

Dan id-digriet gie appellat mis-socjeta` attrici u fir-rikors osservat li l-azzjoni ma kienetx limitata ghall-konsegwiment ta’ danni billi l-ghan principali tal-proceduri kien ir-rilaxx ta’ l-oggetti mizmuma b’mod abbuziv mill-konvenuti, liema agir tal-konvenuti kien ukoll qed jghati lok “*ghal-limitazzjoni serjissima u importanti ghad-dritt fondamentali tieghu* (cioe` tal-attur nomine) *ta’ espressjoni...”*

B’sentenza ta’ din il-Qorti, kif dak inhar komposta, tat-30 ta’ Marzu, 1999 l-appell tas-socjeta` attrici gie michud billi l-Qorti osservat li l-mertu kif propost u cioe` r-rilaxx tal-merkanzija u konsegwenzjali likwidazzjoni u hlas ta’ danni kagunati minhabba inadempjenza da parti tal-konvenuti jew min minnhom, ma kienx jiggustifika talba ghal smiegh b’urgenza. Fir-rigward tal-aggravju ta’ natura kostituzzjonali sollevat fir-rikors ta’ l-appell il-Qorti, filwaqt li rrizervat id-dritt tal-appellant li javvanza l-ilment tieghu

ta' natura kostituzzjonali "in sede proprja" osservat li, bil-mod kif giet sollevata din il-kwistjoni, kien hemm dubbju dwar jekk l-appellant kienx jew le qieghed attwalment jitlob ridress ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali. L-atti ghalhekk gew rinvjati lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

B'rikors tas-26 ta' Mejju, 1999 il-konvenuti talbu li s-socjeta` attrici tigi ordnata tavvanza u tispjega l-kwistjoni ta' natura kostituzzjonali minnha mqanqla biex ikunu jistghu jirregolaw ruhhom u l-ghada s-socjeta` attrici pprezentata nota li permezz taghha ppuntwalizzat li l-lezjonijiet lamentati kienu dawk kontemplati fl-artikoli 37, 41, 42 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 10 u 14 u l-ewwel Artikolu ta' l-ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fl-udjenza tas-27 ta' Mejju, 1999 gie verbalizzat is-segwenti:-
"*Il-partijiet jaqblu li ghalissa ma jinghatax provvediment dwar it-talba ghas-sejha fil-kawza ta' l-Avukat Generali u dwar l-ilmenti ta' ksur tad-Drittijiet Fonadmentali. Il-kawza tkompli miexja fuq il-meritu originali, u dan bla hsara ghad-Drittijiet Fondamentali ta' l-attrici f'kaz li jinsab li r-rimedju ordinarju mhux sufficjenti."*

Fl-udjenza tas-16 ta' Gunju, 1999, wara li kienu gew prodotti xhieda da parti tal-konvenuti u rega xhed l-attur nomine in kontro-ezami, gie verbalizzat hekk:-

"*Il-partijiet jaqblu li f'dan l-istadju jista` jinghata provvediment dwar jekk ghandux jissejjah fil-kawza l-Avukat Generali sabiex ikun jista` jikkontesta kwistjonijiet Kostituzzjonali msemmija fis-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 1999, u b'nota tas-27 ta' Mejju, 1999.*" Il-partijiet, ghalhekk, inghataw zmien ghall-prezentata tan-noti ta' osservazzjonijiet u l-kawza thalliet ghall-provvediment ghas-seduta tal-5 ta' Novembru, 1999. Dak inhar it-talba ghas-sejha tal-Avukat Generali fil-kawza giet michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici. Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti osservat li, konformement ma dak li ntqal fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali in re Angelo Spiteri vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et fis-16 ta'

April, 1999, gia la darba l-Avukat Generali ma kienx parte in causa "*il-procedura kostituzzjonali kellha necessarjament tkun separata u distinta minn dik li fiha jkun qed jigi investigat il-mertu ta' gurisdizzjoni ordinarja.*" B'dana kollu fl-imsemmi provvediment l-ewwel Qorti hasset il-bzonn li tippuntwalizza li "*dan ma jfissirx li l-Qorti, meta tqis il-meritu tal-kawza tallum, ma ghandhiex tqis ukoll id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fonadmentali tal-Bniedem, bhal ma tqis kull parti ohra relevanti ta' kull ligi fis-sehh f'Malta, jew li ma ghandhiex tinterpreta l-ligi ordinarja fid-dawl ta' dawk id-dispozizzjonijiet. Dan izda taghmlu f'din il-kawza bhal f'kull kawza ohra ghax hija Qorti ta' Malta u ghalhekk tqis il-ligijiet kollha ta' Malta li jolqtu l-kaz, u ghal dan il-ghan ma hux mehtieg li l-Avukat Generali jkun parti fil-kawza."*

**Is-sentenza appellata.**

Fit-2 ta' Gunju, 2000 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi fi kliem l-istess sentenza "*taqta' l-kawza billi tghid illi s-socjeta` attrici ghandha licenzja biex izzomm u thaddem l-apparat imsemmi fic-citazzjoni, u ghalhekk tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenut Kontrollur tad-Dwana biex ihalli lis-socjeta` attrici tiehu dan l-apparat li jinsab f'idejh, wara li tkun hallset id-dazju relativ jekk ikun il-kaz.*

*Billi n-nuqqas tal-konvenut Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili biex jaghti l-permess li tinghata l-merkanzija ma kienx gustifikat, u cahhad lis-socjeta` attrici mill-uzu ta' l-apparat, hu ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici minhabba dan in-nuqqas, u ghalhekk il-Qorti tilqa' t-tielet talba safejn maghmula kontra d-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, izda tichadha safejn maghmula kontra l-Kontrollur tad-Dwana.*"

Fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti ezaminat sew il-posizzjoni fattwali naxxenti mil-licenzja moghtija lis-socjeta` attrici li kienet tawtorizzah li tipprovdi lis-subscribers taghha "*access ma' data networks internazzjonali*," kif ukoll l-aspett ta' natura kostituzzjonali

sollevat fil-mori tal-proceduri. Fuq l-aspett fattwali l-ewwel Qorti rriteniet li l-interpretazzjoni tas-socjeta` attrici tal-kliem adoperat fil-licenzja kien skorrett billi osservat li "*Prima facie, jidher li l-interpretazzjoni tal-konvenuti hija tajba, ghax il-licenza tghid illi kemm il-connection 'to the Authorised Provider's facilities in Malta' kif ukoll dik 'to international Internet networks' ghandhom isiru fuq il-linji ta' Maltacom p.l.c.*". B'dana kollu meta kkunsidrat l-ilment ta' natura kostituzzjonali l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li kien hemm lezjoni tad-dritt fondamentali kontemplat fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea billi rriteniet "*illi ma ntweriex illi r-restrizzjoni li d-data elettronici jaslu biss fuq il-linji ta' Maltacom p.l.c. hija restrizzjoni 'mehtiega f'socjeta` demokratika'. Dan ifisser*" kompliet l-ewwel Qorti *"li l-kondizzjoni tal-licenza ma tistax tiftehem li tista' zzomm lis-socjeta` attrici milli tinqeda b'link ma' satellita biex tircievi informazzjoni. Ifisser ukoll illi l-apparat mehtieg biex dan il-link ikun jista jsir jista' jiddahhal f'Malta mis-socjeta' attrici billi ghandha licenza li taghtiha s-setgha li tinqeda bih.*"

Finalment l-ewwel Qorti waslet biex ikkundannat lis-socjeta` attrici thallas l-ispejjez ta' l-ewwel talba billi kkonkludiet li, galadarba ma kienx hemm kontestazzjoni dwar li l-apparat kien "*konformi ma' dak li gie dikjarat fil-licenza ta' importazzjoni*" din it-talba kienet saret ghalxejn. L-ewwel Qorti izda, filwaqt li rrilevat li t-talba kellha tindirizza d-dritt tas-socjeta` attrici "*biex izzomm u thaddem dan l-apparat*", liema talba, li skond l-ewwel Qorti kienet mehtiega ghall-ghanijiet tat-talbiet l-ohra, ma saritx, ghamlet tajjeb ghal din il-lacuna bis-sahha tat-talba generika fuq l-ewwel faccata tac-citazzjoni fejn il-Qorti hija mitluba taghmel dawk "*id-dikjarazzjonijiet necessarji*".

**Kien hemm d-diversi appelli minn din is-sentenza u dawn qed jigu riprodotti skond kif jidhru fl-inkartament.**

**A. L-appell tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili.**

Id-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors

pprezentata fid-9 ta' Gunju, 2000 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu cahdet l-ewwel talba fic-citazzjoni u in kwantu ordnat lis-socjeta` attrici thallas l-ispejjez ta' dik it-talba u billi thassarha in kwantu l-Qorti iddecidiet illi s-socjeta` attrici ghandha licenzja biex izzomm u thaddem l-apparat imsemmi fic-citazzjoni, in kwantu laqghet it-tieni talba u ikkundannat lill-Kontrollur tad-Dwana biex ihalli lis-socjeta` attrici tiehu l-apparat in kwistjoni li jinsab f'idejh wara li tkun hallset id-dazju relattiv jekk ikun il-kaz, in kwantu laqghet it-tielet talba u ddikjarat illi l-esponent Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici, u in kwantu ordnat lill-esponent sabiex ihallas l-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk tal-Kontrollur tad-Dwana, hlief ghal dawk relattivi ghall-ewwel talba. Ghalhekk talab li wara li tirriforma s-sentenza appellata kif mitlub, tichad it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**B. L-appell tal-Kontrollur tad-Dwana.**

Il-Kontrollur tad-Dwana wkoll hassu aggravat bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk b'rikors ipprezentat kontestwalment ma' dak tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili, u ghar-ragunijiet hemm moghtija, talab r-riforma tas-sentenza fuq l-istess linji tal-konvenut l-iehor.

**C. L-appell tal-Maltacom p.l.c. bhala terz interessat.**

Is-socjeta` Maltacom p.l.c. interponiet appell a tenur ta' l-Artikolu 236 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi qed issostni li ghandha interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri in kwantu "*L-effett tas-sentenza appellata huwa illi jledi bl-iktar mod lampanti d-drittijiet tas-socjeta` esponenti u inoltre jikkawzalha danni irreparabbli.*" Infatti kif sottolineat fir-rikors tal-appell tal-istess socjeta` d-drittijiet li ser jigu lezi bis-sentenza appellata jitwieldu mill-eskluzivita` moghtija lilha fil-licenza mahruga taht l-Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Att nru XXXIII – 1997) u cioe` d-dritt esklussiv li "*tipprovdi certi servizzi fil-kaz tat-telekomunikazzjoni*" inkluz "*Satellite based services*

*including VSAT services ........ Internet connectivity – Internet Service Operator to Internet Service Operator Connectivity, Internet Service Operator to end-user connectivity and Internet Service Operator to international Internet Service Operator connectivity.*”

Fuq din il-bazi u ghall-istess ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell tad-Direttur tat-Telegrafija Minghajr Fili (hlief dawk ta’ natura prettament relatati ghad-drittijiet ta’ din is-socjeta` bhal ma huma l-provvedimenti ta’ l-Artikolu 7(4) tal-Aviz Legali 170/99) is-socjeta` appellanti talbet li t-talbiet tas-socjeta` attrici jigu michuda u s-sentenza riformata.

Fir-risposta taghha ghat-tlett appelli s-socjeta` attrici appellata fl-ewwel lok eccepiet in-nullita tal-appelli “*stante li dawn l-appelli jinkwadraw ruhhom f’appelli li jaqghu taht l-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dan a tenur tal-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.*” Fl-istess nota s-socjeta` attrici filwaqt li ddikjarat li taqbel mal-konkluzzjonijiet tas-sentenza appellata fejn jirrigwarda l-akkoljiment tat-talbiet tal-esponenti talbet li s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjez kontra l-appellanti, sew ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza kif ukoll ghal dawk ulterjuri li kienu qed jigu sottomessi fir-risposta taghha.

**Il-fatti tal-kaz.**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri gew sintetizzati b’mod tajjeb fis-sentenza appellata fejn jinghad hekk:
“Fis-6 ta’ Marzu 1998 is-socjeta` attrici nghatat licenza mid-Dipartiment tal-Kummerc biex iddahhal f’Malta “VSAT – Satellite Transmitter and receiver equipment for data /I.P.” Il-licenza nghatat bil-kondizzjoni *inter alia* illi l-apparat ma kellux jinghata lis-socjeta` importatrici qabel ma jkun ezaminat mill-konvenut Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, u jkun ghadda minn dak l-ezami. “*Not to be released prior to satisfactory results of Inspection/Test by the Department of Wireless Telegraphy*”.

"Is-socjeta` attrici xtrat l-apparat li wasal Malta fil-11 ta' Lulju 1998. Fl-14 ta' Lulju 1998 is-socjeta` attrici talbet li jsir l-ezami msemmi fil-kondizzjoni ghal-licenza. Il-konvenut, Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, izda deherlu li ma kellux ghalfejn jaghmel dan l-ezami ghax kien jaf, minn dak li kien jidher fuq id-dokumenti ta' importazzjoni, illi l-apparat kien *very small aperture terminal* u socjeta` attrici ma kellhiex licenza biex izzomm apparat bhal dak. L-ezami ghalhekk ma sarx u billi, fin-nuqqas ta' dak l-ezami, ma steghetx titwettaq il-kondizzjoni fuq il-licenza ta' importazzjoni ghal "*satisfactory results of Inspection/Test by the Department of Wireless Telegraphy*" is-socjeta` attrici ma thallietx tiehu l-apparat mid-dwana."

Minn dak fuq espost jidher mill-ewwel li l-meritu tal-kawza kien jikkonsisti bazikament f'talba semplici ghar-rilaxx ta' merkanzija li giet importata gewwa Malta wara d-debita licenza mahruga mill-awtorita` kompetenti, u dan apparti dikjarazzjoni ta' responsabbilita` ghad-danni minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti jew min minnhom. Izda fil-kors tal-kawza, u wara li giet michuda t-talba ghall-urgenza mressqa mis-socjeta` attrici,  id-dibattitu ha xejra aktar komplessa u mar fuq binarji li certament ma kienux kontemplati mis-socjeta` attrici appellata bil-mod kif kienet giet formulata c-citazzjoni. Dan infatti gie ravvizat minn din il-Qorti, kif dak inhar komposta, fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1999 meta l-appell mid-digriet dwar l-urgenza gie michud.

Minn citazzjoni semplici ghar-rilaxx ta' merkanzija s-socjeta` attrici introduciet aspett ta' natura kostituzzjonali fil-proceduri ta' l-appell fuq imsemmi biex issahhah l-argument taghha ghall-urgenza in kwantu bdiet tallega li n-nuqqasijiet tal-konvenuti li jadempixxu l-obbligi taghhom kien leziv tad-drittijiet fondamentali tal-istess socjeta`. Dawn il-lezjonijiet  sussegwentement gew puntwalizzati bhala dawk koncernanti d-dgawdija tal-proprjeta` u l-liberta` tal-espressjoni. Bhala konsegwenza ta' dan, il-kwistjoni ma baqghatx biss jekk il-licenza koncessa lis-socjeta` attrici fl-24 ta' April, 1996, biex din tipprovdi servizzi lis-*subscribers* taghha ta' "*access to international*

*data networks*", kienitx tippermetti lis-socjeta` attrici li zzomm fil-pussess taghha l-apparat in kwistjoni ai termini tal-istess licenza. Il-kwistjoni issa bdiet tirrivolgi ruhha fuq jekk, indipendentement minn aspetti ta' ligi ordinarja, il-konvenuti kienux korretti li jissoprimu l-importazzjoni tal-apparat in kwistjoni jew jekk l-agir taghhom kienx jammonta ghal-lezjoni ta' xi drit fondamentali tas-socjeta` attrici kif inghad hawn fuq. Effettivament, kif rajna aktar 'il fuq, it-talbiet attrici gew akkolti proprju minhabba konsiderazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali (jew, ahjar, ta' drittijiet fondamentali) billi l-ewwel Qorti ddikjarat li l-attitudini tal-konvenut Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, li wassal biex l-apparat ma jigix importat hawn Malta, kien leziv tad-dritt fondamentali tal-liberta` tal-espressjoni kontemplat fl-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u dan fuq l-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Autronic A.G. deciz mill-istess Qorti fit-22 ta' Mejju, 1990. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzzjoni billi ccitat dik il-parti tas-sentenza fejn kien gie ritenut li dan l-artikolu "*applies not only to the content of information but also to the means of transmission or reception since any restriction imposed on the means necessarily interferes with the right to receive and impart information.*" Ghalhekk jidher li l-kawza li giet introdotta fuq aspetti purament ta' ligi ordinarja, giet finalment deciza, ghal dak li kien proprju l-meritu tal-kaz, <u>fuq konsiderazzjonijiet ta' drittijiet fondamentali</u>.

Fil-kuntest ta' dan ghandha tigi ezaminata l-eccezzjoni tan-nullita` tal-appelli sollevata mis-socjeta` attrici. Din il-kwistjoni ghandha tiehu precedenza fuq kull aspett iehor tal-kawza f'dan l-istadju tal-proceduri  ghax jekk l-eccezzjoni hija valida din il-Qorti ma ghadhiex u ma tistax tiehu konjizzjoni tal-kwistjonijiet l-ohra sollevati fir-rikorsi fuq imsemmija.

Is-socjeta` attrici appellata qed tissottometti li l-appelli huma nulli in kwantu dawn jinkwadraw ruhom f'appelli li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dan a tenur tal-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni fl-ewwel lok jiddisponi li ghandu jkun hemm Qorti Kostituzzjonali li ghandha tkun komposta minn tlett imhallfin li jkunu jistghu joqghodu fil-Qorti ta' l-Appell. Il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti hija delineata fl-istess artikolu fuq imsemm u fost kwistjonijiet ohra, hija tenuta li tisma' u tiddecidi:-
(2)(c) *appelli minn decizjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili skond l-artikolu 46 ta' din il-Kostituzzjoni*;

Oltre dan skond il-paragrafu (f) tas-sub-inciz (2) tal-artikolu fuq imsemmi l-istess Qorti Kostituzzjonali ghandha wkoll gurisdizzjoni li tiehu konjizzjoni u tiddecidi fuq:-
(2)(f) *kull kwistjoni deciza minn Qorti ta' gurisdizzjoni originali f'Malta flimkien ma' xi wahda mill-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu li minnha jkun sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali*:

L-artikolu 45 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jiddisponi li
"*Il-Qorti Kostituzzjonali tkun hekk kostitwita u ghandha tezercita dik il-gurisdizzjoni kif inhu provdut fil-Kostituzzjoni ta' Malta.*"

Minbarra dan, l-artikolu 3(4) tal-Kap. 319 jipprovdi li:

*Il-Qorti Kostituzzjonali ghandha b'zieda mal-gurisdizzjoni moghtija lilha mill-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni, ikollha gurisdizzjoni li tisma' u tiddeciedi l-appelli kollha maghmula taht dan l-Att u li tezercita dawk is-setghat moghtija lilha b'dan l-Att.*

Mill-banda l-ohra l-Qorti ta' l-Appell, bhala Qorti tat-tieni grad, meta komposta minn teltt imhallfin, tiehu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza superjuri taghha u meta komposta minn imhallef wiehed tiehu ukoll konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-komptenza inferjuri taghha. Din il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' l-Appell izda ma testendix ghall-materji ta' natura kostituzzjonali

jew konvenzjonali anke jekk l-appell jkun gej mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li skond is-subinciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap. 319, ghandha "*gurisdizzjoni originali li tisma' u tiddecidi kull talba maghmula minn xi persuna skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu."* Dan ghaliex l-Artikolu 46 tal-Kap 12 jghid espressament li "*id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34* (li jitkellem dwar appelli minn sentenzi tal-Prim'Awla lil Qorti ta' l-Appell) *u tas-subartikolu (6) tal-artikolu 41* (li jitkellem dwar appelli li jsiru lill-Qorti ta' l-Appell mill-qrati tal-Magistrati ta' Malta u ta' Ghawdex) *ikunu bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-sub artikolu (4) tal-artikolu 46* (li jiddisponi li kull parti fi proceduri migjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili skond dan l-artikolu <u>jkollha</u> dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali) *u tas-subartikolu (2) tal-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta* (li kif rajna jelenka dawk il-kazi fejn il-Qorti Kostituzzjonali ghandha gurisdizzjoni esklussiva) *u tas-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea*" (li jipprovdi ghall-appell lill-Qorti Kostituzzjonali minn decizjonijiet tal-Prim'Awla ghall-finijiet tal-Kap. 319).

Minn dan naraw li l-gurisdizzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali u dik tal-Qorti ta' l-Appell huma ben delineati u distinti. Infatti l-istess Qorti ta' l-Appell, bhal kull Qorti ohra li ma tkunx il-Prim'Awla (li ghandha gurisdizzjoni originali in materja) jew il-Qorti Kostituzzjonali (li hija l-Qorti tat-tieni grad f'dawk il-kazi kollha elenkati fil-paragrafi (c) sa (f) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni) hija prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' kwistjonijiet dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45, u sahansitra jekk tali kwistjoni titqanqal fl-istadju ta' l-appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola u vessatorja. Il-posizzjoni hija identika ghal dak li jirrigwarda l-Kap. 319 – ara l-Art. 4(3) ta' l-imsemmi Kapitolu.

Mill-banda l-ohra il-Qorti Kostituzzjonali oltre l-gurisdizzjoni specifikatament imsemmija fil-paragrafi (a) sa (e) tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 95 tal-Kostituzzjoni,

ghandha ukoll, skond il-paragrafu (f) tal-istess subinciz, il-jedd li tiehu wkoll konjizzjoni ta' *"kull kwistjoni deciza minn Qorti ta' gurisdizzjoni originali f'Malta flimkien ma xi wahda mill-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan is-subartikolu* (li huma kwistjonijiet purament ta' natura kostituzzjonali) *li minnha jkun sar appell lill-Qorti Kostituzzjonali.*"

Dan jfisser li, possibilment sabiex tigi evitata l-proliferazzjoni ta' appelli, meta l-Qorti Kostituzzjonali tkun adita biex tiehu konjizzjoni ta' appell li jaqa' strettament fil-parametri tal-gurisdizzjoni taghha, dik l-istess Qorti, qua l-ghola Qorti tal-pajjiz, ghandha wkoll il-jedd li tikkunsidra u tiddecidi fuq kull kwistjoni ohra in kawza li ma tkunx prettament ta' natura kostituzzjonali. L-istess, pero`, ma jistax jinghad ghall-Qorti ta' l-Appell li ma jidhirx li ghandha dritt li, f'appelli mressqa quddiemha, tikkunsidra wkoll u tiddecidi fuq materja ta' natura kostituzzjonali jew ta' natura konvenzjonali (i.e. li johorgu mill-Kap. 319).

Dan premess, jidher li l-istess Kostituzzjoni tipprovdi ghall-eventwalita` bhal dik prezenti billi fil-proviso ghall-paragrafu (f) tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 95 jinghad li f'kaz ta' sitwazzjoni mista bhalma tissemma' fil-paragrafu (f), ikun permess ukoll li jingieb appell separatament quddiem il-Qorti ta' l-Appell, dan naturalment fuq materja li tkun fil-gurisdizzjoni tal-istess Qorti . Ghalhekk meta sentenza tal-Prim'Awla tkun ikkunsidrat kemm materja ta' ligi ordinarja kif ukoll kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali, il-parti sokkombenti tista`, jew tressaq l-appell taghha quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u titlob li dik il-Qorti tiddecidi mhux biss fuq kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali izda wkoll fuq kull haga ohra deciza mill-ewwel Qorti, jew alternattivament tressaq appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali limitatament ghal dawk il-kwistjonijiet prettament ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali u appell iehor, mill-istess sentenza, quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

Fil-kaz in ezami, u kif gja rajna aktar-il fuq, is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-2 ta' Gunju, 2000 filwaqt li, b'applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni tal-kuntratti,

ddikjarat li s-socjeta` attrici ma kellhiex dritt, skond il-licenzja mahruga f'isimha, li izzomm l-apparat li kienet importat u ghalhekk ma setghetx takkorda it-tieni talba fic-citazzjoni fuq din il-bazi, l-istess Qorti waslet biex akkordat it-tieni talba attrici billi kkundannat lill-Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa l-apparat in kwistjoni fuq konsiderazzjoni ta' natura prettament konvenzjonali – l-applikabilita` ta' l-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropea.

F'dawn ic-cirkostanzi kull appell interpost kellu jitressaq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jew, permezz ta' zewg appelli separati kif fuq inghad, quddiem dik il-Qorti u l-Qorti ta' l-Appell, sabiex fit-tieni eventwalita` kull Qorti tikkunsidra u tiddecidi l-parti tas-sentenza li taqa' taht il-gurisdizzjoni taghha. Dan ma sarx billi l-appelli tressqu quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' gurisdizzjoni ordinarja li ma tistax tiehu konjizzjoni ta' materja ta' natura kostituzzjonali jew konvenzjonali li tifforma l-bazi fis-sentenza ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici. Ghalhekk l-appelli huma nulli.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tiddikjara nulli l-appelli tad-Direttur tat-Telegrafija minghajr Fili, tal-Kontrollur tad-Dwana u tas-socjeta` Maltacom p.l.c. u konsegwentement ma tiehux aktar konjizzjoni taghhom. Fic-cirkostanzi l-Qorti tordna li l-appellanti ghandhom ibatu l-ispejjez kollha ta' l-appelli minhom maghmula.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------